MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2006

Numru 11111/2222

Il- Pulizija
(Spettur Norbert Ciappara)

-vs-

Rio Micallef

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmi Rio Micallef ta’ 22 sena imwieled Pieta’ fis- 17 ta’ Awissu 1983 iben Jack u Georgina nee’ Sammut residenti 47, Triq il- Kabuccini, Marsa detentur ta’ karta ta’ l- identita 423083M

Akkuzat talli fil- 15 ta’ Lulju 2002 f’ dawn il- gzejjer, kellu fil- pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika (ecstasy) meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5 (1) tal- Avviz Legali 22 tal- 1985 kif sussegwentement emendat u 40 (b) u 120 A. u t- tielet

skeda tal- Ordinanza dwar il- Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x' jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l- Artikolu 16 tal- Att V tal- 1985 kif emendat. Liema droga instabet f' tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall- uzu personali tieghu.

Rat in- nota ta' l- avukat generali tas- 27 ta' Gunju 2003 (fol 124)

Semghet ix- xhieda bil- gurament.

Rat il- process verbal

Rat l- atti u d- dokumenti kollha.

Semghet it- trattazjoni tad- difiza u tal- prosekuzjoni.

Ikkonsidrat,

1. Fil- 15 ta' Lulju 2002 ghall- habta tal- 5.30 p.m. l-pulizija kienet qed tistharreg lil certu Ian Ciantar mhabba droga. Dan waqaf bil- karozza fi Triq is- Salib il- Mars u rikkeb lil akkuzat gol- karozza Peugot LCA 596. Telqu lejn il- Menqa, wara ftit gew lura. Malli l- akkuzat nizel mill-karozza, Ciantar telaq. Il- Pulizija arrestat lill- akkuzat u sabet "fil- but ta' shorts … borza kannella tal- karti" li kien fiha mitt pillola li wara rrizulta li kienu ecstasy. (fol 33)

2. L- akkuzat ghamel stqarrija fejn wiegeb ghal xi mistoqsijiet u ghal ohrajn le. Wiegeb dwar ix- xoghol, fejn joqghod, li kellu karozza, li qatt ma uza droga. Ma wiegeb xejn dwar Ciantar. L- istqarrija saret l- ghada, 16 ta' Lulju 2002. Fid- dar ta' Ciantar instabet l- ecstasy u raza tal-cannabis. Ma sarx tfittix fejn joqghod l- akkuzat mal-genituri.

3. Giet prezentata stqarrija bil- gurament ta' Ian Ciantar fejn l- aktar li jissemma huwa certu Godfrey Ellul. Dwar l-akkuzat, Ciantar gie mistoqsi: "Il- bierah x' mort taghmel il- Marsa?

Twegiba: Il- bierah jien mort il- Marsa biex niltaqa ma’ Rio.

Mistoqsija: Lil Rio fejn tafu, kif tafu u kemm ilek tafu?

Twegiba: Jiena u Rio konna l- iskola flimkien, cioe’ is- Seminarju.

Mistoqsija: Il- bierah int u Rio kellkom xi negozju?

Twegiba: Iva.

Mistoqsija: X’ kien in- negozju li kellek int u Rio.

Twegiba: Nghid illi s- Sibt jien iltqajt ma Rio Paceville u qalli li kellu l- ecstasy Rolex; nghid illi Rio qalli li l- ecstasy li kellu hadhom bid- dejn b’ tlett liri. Jien ghedtlu li kont naf min kellu b’ irhas u qalli biex nghatih in- numru tieghi u tghajtulu cioe’ in- numru tal- mobile phone.

Mistoqsija: X’ gara l- bierah kif iltqajt ma Rio?

Twegiba: Nghid illi lbierah Rio cempilli f’ xi hin wara nofsinhar u qalli biex niltaqa mieghu l- Marsa u ngiblu mitt pillola Rolex (ecstasy)
(stqarrija 16 ta’ Lulju 2002)

u

xi gimgha qabel Ciantar kien iltaqgha ma’ Johan ghand Godfrey Ellul f’ Paceville. Ciantar intalab jghati t- telefone number tieghu biex icempillu u jkellmu. “Dan kien qabel il- weekend li ghadda. Wara li jiena mort fejn kien qalli biex niltaqa mieghu cioe’ Johan. Johan hareg borza ta’ madwar 400 pillola ecstasy u qalli biex innehhihomlu b’ Lm 2 l- wahda. Basta nghatih il- flus fi zmien xahar. Dak il- hin jien ma kontx naf kif ser naqbad nirrifjuta.” Dawn instabu f’ garage f’ Birkirkara.

4. L- akkuzat xehed quddiem il- Qorti u fisser kif beda jiehu d- droga u kif kellu dejjem izid. Iltaqa ma’ Ciantar li

qallu li “jgibli mitt pillola jtihomli biz- zewg lir. Jien kif kont nixtrihom bis- seba’ liri ghidt ha niffranka hames mitt lira.” Xtara ghal xahar shih. Dwar dak li ma wegibx fl- istqarrija jghid li ried jiehu parir minghand l- avukat tieghu. Taghrif wara ta lill- pulizija. Quddiem il- Qroti biddel xi affarjiet li qal fl- istqarrija, ammetta li qed ibiddel ghax ried jghid is-sewwa.

5. Kemm l- akkuzat u kemm Ciantar qed jaqblu li fil- 15 ta’ Lulju, jew it- Tnejn Ciantar biegh mitt pillola lill- akkuzat biz- zewg liri (Lm2). Ciantar kien qed jittraffika d- droga. L-akkuzat jghid li faddal xi flus biex jixtri l- pilloli. Skond Ciantar l- ewwel laqgha bejniethom saret is- sibt. Din hija l- unika indikazzjoni ta’ meta dan gara. Din il- laqgha saret is- Sibt 13 ta’ Lulju 2002. Fil- 15 ta’ Lulju saret il- konsenja l- Marsa. Ma jistax ikun ghalhekk li l- akkuzat faddal mitejn lira daqsekk malajr. “kif rajt li faddalt xi haga mill- paga biex ikolli…” (fol 165). Hija aktar verosimili l- verzjoni ta’ Ciantar li jghid li l- akkuzat kellu l- ecstasy Rolex. Iddiskutew fuq prezzijiet. L- akkuzat kien xtara bid- dejn skond Ciantar. Jerga’ jinghad kif gew il- mitejn lira f’ jumejn?

6. Fil- fehma tal- Qorti l- akkuzt kellu droga f’ cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall- uzu personali teighu. Hemm ukoll l-ammont ta’ pilloli mixtrija li hu ta’ thassib. Il- Qorti ma tistax issib mod iehor kif tfisser dak li gara. Jizdied ma’ dan li a ‘tempo vergine’ fl- istqarrija tieghu l- akkuzat stqarr li hu ma jiehu l- ebda sura ta’ droga.

7. Mix- xhieda ta’ l- ispettur Norbert Ciappara jirriuzlta li l-akkuzat ikkolabora mal- Pulzija. Ghalkemm il- pulizija setghet kienet taf certu affarjiet, bla ma kien jaf l- akkuzat, ghen lill- pulizija biex solviet il- kaz taghha. Hija imbghad ix- xhieda moghtija li trid tittiehed in konsiderazzjoni fis-sens li trattazjoni ma tghoddx bhala prova. Ghalhekk il-Qoirti jidrilha li l- akkuzat ghadu jibbenfika skond l- art. 29 tal- Kap 101 applikabbli ghall- Kap 31 b’ art. 120A(2)(B).

Il- Qorti ssib lil akkuzat hati.

Rat l- art 120 (A) (1) (a) (2) (b) (i) tal- kap 31 tal- Ligijiet ta’ Malta, ir- regolamenti 2 u 3 ta’ l- Avviz Legali 22 tal- 1985 kif emendat u l- ewwel skeda u l- artikolu 29 tal- Kap 101 applikabbli ghall- Kap 31 bl- art 120 A (2) (b) tikkundanna lill- akkuzat sitt xhur prigunerija (6) u mitejn lira multa (Lm 200) liema multa ghanda tithallas fi zmien sitt (6) xhur m’ illum u f’ kaz li le titbiddel fi prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------